Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 358/2015

Il-Pulizja

Vs

Raymond Theuma

Illum 25 ta' Frar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Raymond Theuma detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 438764M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn Marzu, 2014 sa Awwissu, 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghtati lil Carmen Theuma u/jew lil uliedu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 ta' Lulju, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu xahar detenzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Raymond Theuma, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Lulju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellate u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena; sussidjarjament/alternattivament, u biss f'kaz li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tichad l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta' htija u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellate fir-rigward tas-sejbien tal-htija, l-appellant jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogghobha tirriforma s-sentenza appellate billi tvarja l-piena inflitta u tirriduci l-istess ghal wahda aktar miti u idoneja fid-dawl tac-cirkostanzi u n-natura tal-kaz kif hawn fuq spjegat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Raymond Theuma huma s-segwenti w cioe':-

1) Illi fl-ewwel lok l-appellant qed jissolleva n-nullita' tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

   Bir-rispett kollu din is-sentenza ma tirrispettax il-vot tal-ligi. Is-sentenza tal-Ewwel Qorti tikkonsisti biss f'frazi wahda li taqra hekk:

   *'xahar detenzjoni'*

   Illi skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta l-Qorti taghti sentenza kontra l-imputat l-istess Qorti ghandha 1) tghid dwar xiex l-akkuza ikun gie misjub hati u 2) taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra lit kun tikkontempla r-reat.

   Illi f'dan il-kaz, bid-dovut rigward lejn l-Ewwel Qorti, hemm assenza totali ta' dawn il-formalitajiet rikjest skond l-Artikolu 382 surriferit. L-Ewwel Qorti ma qalitx dwar x'hiex l-appellant instab hati. Inoltre hemm assenza kompleta ta' indikazzjoni fis-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-artikolu tal-ligi li jikkontemla r-reat li ghalih l-appellant gie presumibilment misjub hati. Dan hu nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jimporta n-nullita' bil-konsegwenti thassir tas-sentenza appellate.

Illi johrog b'mod car li l-Ewwel Qorti ma osservatx il-formalitajiet rikjesti mill-ligi ghal sentenza valida moghtija kontra l-appellant skond l-Artikolu 382 tal-Kap 9. Din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija v. Karmenu Attard, moghtija fit-28 ta' April, 1995, ikkonkludiet li tali nuqqasijiet f'sentenza tal-Qorti inferjuri jaghtu lok ghal-dikjarazzjoni ta' nullita tas-sentenza appellate, u smiegh tal-mertu ta' din il-kawza mill-qorti superjuri.

2) Bla pregudizzju ghas-suespost, u subordinatament ghall-istess, jinghad ukoll illi l-Ewwel Qorti ma kelliex fuq xiex issib htija.

Illi l-appellant nhar it-18 ta' Novembru, tas-sena 2011 intavola ittra fir-Registru tal-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja permezz ta' liema beda procedure ta' medjazzjoni. Stante li ma ntlahaq l-ebda ftehim l-istess appellant intavola rikors guramentat permezz ta' liema bdew il-proceduri li ghandhom pendent sal-lum il- gurnata quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Jigi enfasizzat li l-appellant intavola procedure civili mhux b'kapricc izda ghax verament kien hemm raguni valida ghal tali procedure.

Illi in effett l-appellant intavola procedure quddiem il-Qorti Civili stante li martu ghandha relazzjoni extra-matrimonjali u ghaldaqstant hija ddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment minghand l-appellant. Bhala stat ta' fatt il-parte civile ilha li ddekadiet mid-dritt taghha mis-sena 2011 u l-appellant xorta wahda baqa' jissoministra manteniment skond id-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Settembru, 1996 meta martu lanqas kienet intitolata li tircievi l-istess.

Illi quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia LL.D. mart l-appellant ammettiet htija stess li ghandha relazzjoni extra-matrimonjali u kien propju minn dakinhar illi l-appellant waqqaf jissomministra manteniment lil martu. Il-parte civile tant kienet accettat il-fatt li hija ddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghand l-appellant illi laqnas ghamlet rapport l-ghassa ta' dan in-nuqqas, hlief ghar-rapport li wassal ghal kaz odjern li dwarha ddecidiet l-Ewwel Qorti. Dan huwa abbuz totali da parti tal-parte civile. Abbuz mill-fondi ta' zewgha kif ukoll abbuz tas-sistema legali fejn qed

tipprova ddur mal-kuncett ta' adulterju sabiex tkompli tiehu l-flus minghand zewgha filwaqt li hija tkomopli tghix hajja ta' xalar ma' rgiel differenti.

Illi l-kawza quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) wallet fl-ahhar stadju taghha, u fil-fatt il-partijiet ghalqu l-provi taghhom u ghandhom jresaqu n-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi taghhom. Illi l-Ewwel Qorti ma hadet l-ebda konsiderazzjoni ta' dan kollu. Huwa pacifiku illi l-Ewwel Qorti hija Qorti ta' kompetenza kriminali u mhux ta' kompetenza Civili u ghaldaqstqant l-appellant fl-ebda hin ma ppretenda li l-Ewwel Qorti tidhol f'kwistjonijiet civili ghaliex dan imur il-barra mill-kompitu ta' l-Ewwel Qorti tidhol f'kwistjonijiet civilie ghaliex dan imur il-barra mill-kompitu tal-Ewwel Qorti. Detto cio' l-Ewwel Qorti bid-dovut rigward kienet inekwa meta ma akkordatx it-talba tad-difiza sabiex il-proceduri kriminali jigu differiti sakemme ikun hemm decizjoni da part ital-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Dan qed jinghad propju ghaliex mhuwiex fl-ahjar interess tal-gustizzja li wiehed jigi kundannat, specjalment ghal peina ta' detenzjoni effettiva, meta hemm fatturi lampanti li ghandhom impatt qawwi fuq l-obbligu tal-appellant u jiggustifikaw in-nuqqas tal-appellant. Huwa minnu li l-Ewwel Qorti ghandha tara l-akkuza li ghandha quddiemha u tiehu decizjoni a bazi tal-ligi penali izda certament mhuwiex fl-ahjar interess tal-gustizzja illi l-appellant jintbghat xahar detenzjoni met ahuwa gustifikat li ma jissotomistrax manteniment ghal martu stante li martu tilfet id-dritt li tircievi manteniment minghand l-appellant minhabba ragunijeit imputabbli lilha stess.

Illi fid-dawl ta' dawk rilevat kien ikun hafna aktar ghaqli jekk l-Ewwel Qorti ddeferiet il-procevuri ghal data ohra sakemm ikun hemm decizjoni finali mill-Qorti Civili u dan sabiex issir gustizzja kemm mal-appellant kif ukoll mal-parte civile.

3) Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti hija bir-rispett kollu wahda eccessiva.

Illi fi kwalunkwe kaz, fil-fehma umli tal-appellant il-piena moghtija hi wahda sproporzjonata. Huwa manifest bl-akbar rispett illi ma nzamm ebda bilanc u relattivita' tal-piena tenut kont ic-cirkostanzi u n-natura tal-kaz.

Illi kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur T. Micallef) vs John Gauci, *'mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-disrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametrri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri):* ***'Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler'*** *[26.2.2009]:- 'Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikoli tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. (Ara wkoll '****Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard'*** *[20.03.2009] App. Krim. Superjuri)'.*

Huwa minnu wkoll illi l-Prosekuzzjoni tista' targument li l-appellant ghazel li ma jirregistrax ammissjoni, pero' huwa daqstant iehor minnu li hadd ma jista' jigi punit ghax jaghzel li jikkontesta l-akkuza dedotta fil-konfront tieghu, sakemm il-kontestazzjoni ma tkund wahda frivola.

Illi effettivament l-appellant mhuwiex xi bniedem refrattarju, anzi hu bniedem li spicca quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-isfond tas-separazzjoni minn martu u propju fl-isfond tad-dekadenza taghha mid-dritt li tircievi manteniment minghand l-appellant.

Illi jidher li l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda piz lill-fatt li (1) il-fedina penali tal-appellant hi wahda nadifa u ghalhekk ghandu jigi meqjus semmai bhala a firs time offender u (2) li hu certament mhuwiex xi criminal izda persuna tal-familja. Sfortunatament jidher lid an kollu sfugga lill-Ewwel Qorti li spiccat teroga piena li solitament tinghata f'cirkostanzi ferma aktar serji fejn il-manteniment ma jigix issomministrat minhabba ragunijiet ta' pika.

Illi l-akkuza dedotta fil-konfornt tal-appellant tittratta propju dwar kontravenzjoni kontra l-ordni pubbliku. Skond l-artikolu 7 subinciz (2) tal-Kap. 9 il-pien li jistghu jigu moghitja ghall-kontravenzjonijiet huma: (a) id-detenzjoni; (b) l-ammenda; u (c) ic-canfira u twiddiba. Ghaldaqstant jidher li

l-Ewwel Qorti kellha tlett opzjonijiet meta waslet biex tinfliggi piena fuq l-appellant. Huwa stat ta' fatt li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti tirrientra fil-parametri tal-Ligi izda fid-dawl tac-cirkostanzi kif ukol fid-dawl tar-raguni wara n-nuqqas tal-appellant jirrizulta li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti hija eccessiva u zgur mhijiex il-piena idoneja. Hawnhekk si tratta jdwar persuna tal-familja li mhijiex qed iccahhad lil martu mill-manteniment b'kapricc jew b'sens ta' pika. Anzi. L-appellant ilu mis-sena 1996 jonora l-obbligi legali tieghu u kien biss meta martu ammettiet quddiem l-Assistant Gudizzjarju li qeghda f'relazzjoni extra-matrimonjali illi l-appellant waqaf jissoministra l-imsemmi manteniment. Fid-dawl tac-cirkostanzi l-Ewwel Qorti bid-dovut rispett kienet tkun hafna iktar ekwa mal-appellant kieku erogat bhala piena l-ammenda jew ic-canfira jew it-twiddiba li wkoll huma pieni li jistghu jinghataw f'kaz ta' kontravenzjonijiet.

Illi kif jidher mit-tieni proviso tas-subinciz (z) meta l-akkuzat ikun recidiv f'kontravenzjoni that dan il-paragrafu jista' jehel piena ta' detenzjoni ta' mhux izjed minn tlett xhur jew multa ta' mhux izjed minn mitejn ewro jew prigunerija ghal mhux izjed minn xahrejn. Minn dan l-istess proviso jidher car illi f'kaz li l-akkuza ikun recidiv ta' dain il-kontravenzjoni l-Qorti ghandha s-setgha li tinfliggi piena aktar harxa, fosthom hemm il-piena ta' detenzjoni. Jigi enfasizzat li l-appellant mhuwiex recidiv f'din il-kontravenzjoni tant li ma kienx akkuzat bir-recidiva. Huwa pacifiku allura li gialadarba l-appellant mhux recidiv, huwa bniedem tal-familja, ghandu fedina penali netta kif ukoll tenut kont tal-fatt li l-parte civile m'ghandiex aktar intitolata ghall-manteniment, il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma tirrispekjax dak li huwa gust.

Ikkunsidrat,

Illi jirrizulta mid dokument esebit Dok VL u cioe' minn decizjoni moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata 28 ta' Jannar, 2016 illi l-parte civile ddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment b'effett mill-10 ta' April, 2012 u dan minhabba adulterju minnha kommess. Illi dan il-fatt gdid li irrizulta issa fil-mori tal-appell

wassal sabiex l-akkuza dedotta fil-konfront tal-imputat taqa' billi ghax-xhur ta' Marzu sa Awwissu 2014 allura l-manteniment ma kienx dovut.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull htija u imputazzjoni.

Edwina Grima

Imhallef